# RADJU MARIJA
(102.3FM/107.8FM)

Nru. 84 - Jannar - Marzu 2017 - Pubblikazzjoni Assoċjazzjoni Radju Marija (Malta)

# F'Sena Ġdida... inkunu dejjem grati

*"Għajjtu bil-ferħ lill-Mulej, nies kollha ta' l-art,*
*aqdu bil-ferħ lill-Mulej,*
*idħlu quddiemu b'għana ferrieħi.*
*Roddulu ħajr u bierku ismu!*
*Għax twajjeb il-Mulej*
*għal dejjem it-tjieba tiegħu;*
*minn żmien għal żmien il-fedeltà tiegħu"*




Qed nagħtu bidu għal sena ġdida, sena oħra fil-Kalendarju ta' ħajjitna. Kemm hu sabiħ u nobbli li nagħtu bidu għal din is-sena 2017 bl-istess kliem li bihom is-Salmista fis-Salm 100 qed ifaħħar u jrodd ħajr lil Alla. Huwa jixraqlu kull radd il-ħajr u kull tifħir min-naħa tagħna lkoll. Ejjew ma nonqsux li nkunu grati lejn Alla bħala l-Ħallieq u l-akbar Benefattur tagħna.

## Il-Gratitudni hija Virtù

Kemm hu sabiħ li kull bniedem ikun imżejjen b'din il-virtù u l-valur tal-gratitudni! Hija attitudni li lill-bniedem tagħmlu kbir quddiem Alla u quddiem il-bnedmin. Kemm hu nobbli li nitgħallmu nkunu rikonoxxenti, napprezzaw u ngħidu grazzi għal kull tajjeb li nirċievu. Bernard Haring jgħid li "Min jippossjedi din il-virtù huwa bniedem sinjur internament."

## Ma' min jinħtieġ li nkunu grati?

Bħala nsara, aktar u aktar bħala membri tal-Familja ta' Radju Marija nagħmlu tajjeb li kontinwament nagħrfu nkunu "grati" dejjem lejn Alla u lejn il-Madonna għal dan ir-rigal kbir u sabiħ li għandna dan il-Mezz tax-Xandir fil-gżejjer tagħna, fi djarna. Huwa mezz effikaċi ta' Evangelizzazzjoni. Ħafna minnkom jgħidulna: "Kemm iħossu l-Knisja fi djarna!" "Kemm isibu faraġ u għajnuna fih!" "Alla ħares ma kienx Radju Marija għalina!" "Kemm qed nitgħallmu!" "Dan hu li Malta għandha bżonn illum!"

Inkunu 'grati' għal ħafna grazzji li l-Mulej Alla qed ixerred permezz ta' Radju Marija fil-qlub tal-Maltin u l-Għawdxin... kemm dawk f'pajjiżna u dawk li qed jgħixu barra minn pajjiżna.

Inkunu 'grati' għal ħafna benefatturi li bit-talb tagħhom, bis-sagrifiċċji li joffru u mhux inqas bl-għajnuna ekonomika li minn żmien għall-ieħor jibgħatu, qed iżżommu dan ir-Radju ħaj, jista' jibqa' għaddej akkost il-ħafna spejjeż li kuljum irid jaffronta.

Inkunu 'grati għal ħafna voluntiera li jagħtu ħinhom bl-akbar imħabba, ġenerożità u mhux inqas sagrifiċċji sabiex iżommu Radju Marija ixandar erbgħa u għoxrin siegħa għal sebat ijiem fil-ġimgħa.

U mhux inqas għandna issa wkoll għax inkunu 'grati' li għandna l-Proġett ta' Dar Ġdida għal Radju Marija. Kellna ġimgħa apposta fejn stajna morna rajniha b'għajnejna. Nittamaw li fl-iqsar żmien possibbli immorru nibdew nevanġelizzaw minn din id-Dar li l-Madonna qed tagħtina. Dan huwa l-awgurju tagħna għas-Sena l-Gdida... Ngħixu Sena mimlija bi gratitudni fuq kollox lejn Alla u mhux inqas lejn xulxin.

***Il-Mulej jagħtikom is-sliem!***

*Fr Philip Cutajar OFM Cap.*

**Fil-paġni ta' ġewwa**

Suppliment ta' 4 Paġni fuq l-Open Week ta' Radju Marija
Paġni 5 sa 8 — Skeda tal-Programmi għal Żmien ix-Xitwa
Paġna 12 — Maratona ġbir ta' Fondi f'Marzu li ġej



# Mill-Album ta' Radju Marija

## Laqgħa tal-Assoċjazzjoni Radju Marija Malta mal-President tal-Familja Dinjija ta' Radju Marija

**Nhar il-Ħadd 4 ta' Settembru** bejn id-9.00am u n-12.30pm Radju Marija wassal programm speċjali fuq Madre Tereża ta' Calcutta kordinat minn Dr Andrew Baldacchino segwita minn xandira *live* minn Pjazza San Pietru tal-quddiesa ta' Kanonizzazzjoni tagħha li tmexxiet mill-Qdusija Tiegħu il-Papa Franġisku. Ix-xandira (ara ritratt) setgħet isseħħ bil-kollaborazzjoni ta' Daniele Trenca mill-Familja Dinjija ta' Radju Marija u minn Fr Robert Grech, djoċesan li ġentilment aċċetta li jikkummenta il-quddiesa tal-Kanonizzazzjoni.



Dun Robert Grech waqt il-kummentarju fl-istudios tal-Familja Dinjija ta' Radju Marija fil-Vatikan



Pittura ta' Madre Tereża fi Pjazza San Pietru

## Laqgħa Ġenerali tal-Assoċjazzjoni Radju Marija



Membri tal-Assoċjazzjoni Radju Marija flimkien mal-President tal-Familja Dinjija ta' Radju Marija Vittorio Viccardi (f'nofs ir-ritratt)

**Nhar is-Sibt 24 ta' Settembru,** il-membri tal-Assoċjazzjoni Radju Marija ltaqgħu għal Laqgħa Ġenerali li matulha tkellmu dwar l-isfidi li Radju Marija se jiffaċċja fix-xhur li ġejjin. Il-laqgħa bdiet b'quddiesa għaliex il-membri jemmnu li kull ħidma tar-Radju trid issir bħala offerta lil Alla. Preżenti kien hemm Vittorio Viccardi li huwa l-President tal-Familja Dinjija ta' Radju Marija. Fost it-temi diskussi kien hemm il-proġett tal-post il-ġdid minn fejn se jibda jxandar Radju Marija issa li ħarġu l-permessi kollha meħtieġa biex jibda x-xogħol ta' ristrutturar. Vittorio Viccardi feraħ lil membri kollha għall-impenn li ħadu fir-radju u ħeġġeġ biex f'dawn ix-xhur li ġejjin ikomplu jitolbu biex Marija tmexxina fit-triq li twassal biex aktar persuni jisimgħu Radju Marija u għalhekk ikunu aktar qrib tal-Kelma t'Alla.



L-*Aid to the Church in Need (Malta)* ingħaqdet ma' dik Internazzjonali fejn miljun tifel u tifla minn madwar id-dinja, inklużi dawk Maltin qalu r-Rużarju Mqaddes għall-għaqda u l-Paċi fid-dinja. Din seħħ it-**Tlieta 18 t'Ottubru**. Radju Marija permezz ta' studenti mill-iskola sekondarja tar-Rabat ħa l-inizjattiva sabiex jappoġġja din l-inizjattiva billi ġie reċitat ir-ružarju ta' nofsinhar *live* li tmexxa mill-promotriċi ta' Radju Marija Sarah Barbara (ara ritratt).



**Fr Ziad Hilal mgħejjun minn Stephen Axisa**

N**har is-Sibt 26 ta' Novembru** kien mistieden waqt il-programm Kuntatt immexxi minn Rosalba Ebejer Catania, Fr Ziad Hilal, Ġiżwita minn Aleppo is-Sirja li ġurnata qabel nieda fil-Palazz ta' San Anton f'Ħat-Attard id-dokument magħruf bħala ir-*Religious Freedom in the World Report 2016* taħt il-Patroċinju tal-ET il-President ta' Malta. Dan ir-rapport li għamel referenza għalih waqt l-intervista jagħti dettalji fuq il-persekuzzjoni tal-Kristjani madwar id-Dinja. Fl-intervista li matulha kien akkumpanjat minn Stephen Axisa - Direttur tal-*Aid to the Church in Need Malta* tkellem ukoll fuq l-esperjenzi li ġarbu ħafna familji f'Aleppo f'dawn l-aħħar 5 snin b'mod speċjali.



# Tpoġġiet l-ewwel ġebla f'Kibeho fl-Irwanda

N**har il-15 ta' Settembru,** li għadda tpoġġiet l-ewwel ġebla tal-Proġett li l-Familja Dinjija ta' Radju Marija ippjanat li jkollha fil-Belt Afrikana ta' Kibeho fil-pajjiż fi Rwanda. Niftakru li Radju Marija Malta organizzat it-3 edizzjoni tal-Mariatona f'Mejju li għadda proprju b'riżq l-istess proġett ta' Kibeho.

***Il-President tal-WFRM Vittorio Viccardi (xellug) mgħejjun mill-Isqof Philippe Rukamba, President tal-Konferenza Episkopali ta' Rwanda u Isqof ta' Butare u Fr Peter Meyer minn Radio Horeb***

# Programmi ĠODDA fl-iskeda tax-Xitwa ta' Radju Marija li tibda t-Tnejn 2 ta' Jannar u li tintemm nhar il-Ħadd 26 ta' Marzu 2017

## Aħsad dak li tiżra'

**Produzzjoni tal-Caritas Malta. Preżentazzjoni ta' Eleanor Borg, Psikoterapista u Koordinatriċi tat-Taqsima Counselling u Social Work fi ħdan Caritas Malta. Jixxandar *live* nhar ta' Ġimgħa fl-4.00pm u jkun imtenni t-Tnejn fis-6.00am**

L-iskop tal-programm se jkun wieħed: dak li jgħaddi għodod ta' ħiliet għal ħafna sitwazzjonijiet li qed niffaċċjaw fil-ħajja li qed ngħixu llum. Nisimgħu ħafna li jinqabdu minn ansjetà u stress, żewġ kelmiet li saru popolari ferm fil-vokabularju tagħna. Huma fatturi li jġibu ħafna negattività fil-ġurnata tagħna u wkoll fir-relazzjonijiet ta' madwarna.

Il-programm se jagħfas fuq li mmorru lura għal dak li hu bażiku u se jkunu trattati diversi suġġetti flimkien ma' esperti fil-qasam fosthom: Kif nieħu ħsieb tiegħi nnifsi; ħsibijiet u l-atteġġjament tiegħi; il-qawwa tal-ħsieb, nifhmu u nipprattikaw il-mument, l-importanza li jkollna ħin għalina u wkoll li nkunu kreattivi, l-importanza tal-eżerċizzju, kif għandna nikkomunikaw, kif nibnu relazzjonijiet b'saħħithom, spiritwalità, sesswalità, kif inqassam il-ħin, u kif inqassam il-flus. Dawn u suġġetti simili jiġu diskussi.

## Etika, Fidi u Ħajja

**Produzzjoni ta' *Grupp Catholic Voices*. Preżentazzjoni ta' Dr Ramon Bonnett Sladden u Dr Sara Portelli. Jixxandar *live* nhar ta' Sibt fil-11.00am u jkun imtenni l-Ħamis fl-10.00pm u t-Tnejn fis-1.30am**

Il-programm Etika, Fidi u Ħajja huwa produzzjoni tal-grupp Catholic Voices Malta u se jkun qiegħed jittratta diversi temi kurrenti minn lenti Kattolika. Il-programm se jkun qiegħed jesplora kif aħna bħala Kattoliċi nġibu ruħna quddiem ċerti dilemmi ppreżentati mill-ħajja umana u mis-soċjetà u kif il-fidi tagħna tiffurmana sabiex b'mod etiku u konformi mal-fidi Kattolika, naġixxu quddiem dawn il-problemi.

## Għejjun ta' Ilma Ġieri u Frisk

**Preżentazzjoni ta' Dun Hector Scerri bil-parteċipazzjoni ta' diversi kelliema. Jixxandar l-ewwel darba t-Tlieta fit-8.30pm u jkun imtenni l-Ħamis fis-2.30pm**

Matul din is-sensiela se nkunu qed niltaqgħu ma' persunaġġi kbar li sawru l-pedamenti tal-fidi tagħna. Dawn huma l-Missirijiet tal-Knisja… Nies bħal Santu Wistin, San Ġwann Griżostmu, San Girgor il-Kbir, u oħrajn li bil-kelma qawwija u bil-pinna ħabrieka tagħhom għallmu mhux biss lin-nies ta' żmienhom, imma l-Knisja kollha fl-aħħar 20 seklu. Il-messaġġ tagħhom kien u jibqa' rilevanti. Dawn l-għejjun ta' ilma ġieri u dejjem frisk se jaslu fid-djar tagħna…

## Għollieq Jaqbad

**Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Patri Elija Vella, Franġiskan u Eżorċista. Jixxandar l-ewwel darba t-Tnejn fit-3.30pm u jkun imtenni l-Erbgħa fis-6.30am u l-Ħadd fil-11.00pm**

Meta l-inqas tkun tistenna, lil Alla ssibu hemm, lest biex ikellmek. Lil Mosè kellmu fl-għollieq jaqbad u lilek? Qatt ma smajtu jkellmek waqt xi marda, waqt xi inċident jew waqt xi falliment? Meta ħajtek tintela' xewk u għollieq, iftaħ widnejk għax f'dak ix-xewk u f'dak l-għollieq faċli tisma' l-vuċi tiegħu. F'dawn il-programmi Patri Elija Vella ser jgħinek tisma' l-Vuċi tal-Mulej… mqar waqt l-għollieq jaqbad.

• Ikomplu f'paġna 9

# SKEDA TAL-PROGRAMMI GĦAL ŻMIEN IX-XITWA



**Tibda mit-Tnejn 2 ta' Jannar u tintemm il-Ħadd 26 ta' Marzu 2017**

## IT-TNEJN

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | **Stejjer Mużikali** |
| 01.00am | **Il-Ħames Vanġelu** |
| 01.30am | **Etika, Fidi u Ħajja** |
| 02.30am | Qari mill-Iskrittura Mqaddsa |
| 03.00am | Qari Reliġjuż |
| 03.30am | Tagħrif fuq il-programmi |
| 03.45am | Rużarju tal-Erwieħ |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Għannu lill-ismu |
| 05.30am | Bħal Ħobż Maqsum |
| 06.00am | **Aħsad dak li tiżra'** |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Angelus u Kuntatt sal-11.00am |
| | (jinkludi Mill-Vanġelu tal-Ġurnata |
| | fid-9.00am) |
| 11.00am | **Anima Mea (rpt.)** |
| 12.00pm | Angelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ |
| 12.45pm | Biex il-Ferħ Tagħkom ikun sħiħ |
| 01.00pm | Qari tar-Rumanz |
| 01.30pm | Shalom (sat-3.00pm) |
| 03.00pm | Kurunella Ħniena Divina |
| 03.30pm | **Għollieq li jaqbad** |
| 04.00pm | Fl-iskola ta' San Piju ta' Pietralċina |
| 05.00pm | Aħbarijiet mid-Dinja Kattolika |
| 05.15pm | Vjaġġ Mużikali |
| 06.15pm | Għasar |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Angelus u Rużarju |
| 07.30pm | Aħbarijiet minn Radio Vaticana |
| 08.00pm | Mur Sewwi l-Knisja Tiegħi |
| 08.30pm | Qari ta' Rumanz (rpt.) |
| 09.00pm | Nixtarru Kitbet San Ġorġ Preca |
| 10.00pm | Inti f'Salib it-Toroq? |
| 11.00pm | Il-Vanġelu tal-Ġurnata (rpt.) |
| 11.30pm | Aħbarijiet mid-Dinja Kattolika (rpt.) |
| 11.50pm | Kompjeta |

## IT-TLIETA

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | **Kienu bnedmin bħalna** |
| 01.00am | **Familja kun dak li int** |
| 01.30am | Vexillum |
| 02.00am | Solidarjetà ma' Ħutna ppersegwitati |
| 02.30am | Shalom (l-ewwel siegħa) |
| 03.30am | Tagħrif fuq il-programmi |
| 03.45am | Rużarju tal-Erwieħ |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | **Naturali** |
| 05.00am | O Alla Trinità li nadura |
| 06.00am | Vuċi Missjunarja |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Angelus u Kuntatt sal-11.00am |
| | (jinkludi Mill-Vanġelu tal-Ġurnata |
| | fid-9.00am) |
| 11.00am | Ara Ommok |
| 12.00pm | Angelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ |
| 12.45pm | Mitt Sena minn Fatima |
| 01.00pm | Tiżwiqa Mużikali |
| 02.00pm | Jiena Hu l-Ħobż tal-Ħajja |
| 03.00pm | Kurunella Ħniena Divina |
| 03.30pm | **Stejjer Mużikali** |
| 04.00pm | Għonja Bi Lsienna |
| 05.00pm | Aħbarijiet mid-Dinja Kattolika |
| 05.15pm | Vjaġġ Mużikali |
| 06.15pm | Għasar |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Angelus u Rużarju |
| 07.30pm | Aħbarijiet minn Radio Vaticana |
| 08.00pm | Qari Reliġjuż |
| 08.30pm | **Għejjun ta' ilma ġieri u frisk** |
| 09.00pm | Anima Mea |
| 10.00pm | Kunu xhieda tiegħi (rpt.) |
| 11.00pm | Il-Vanġelu tal-Ġurnata (rpt.) |
| 11.30pm | Aħbarijiet mid-Dinja Kattolika (rpt.) |
| 11.50pm | Kompjeta |

## L-ERBGĦA

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | Mid-Djarju tal-Papa |
| 01.30am | Nixtarru Kitbet San Ġorġ Preca |
| 02.30am | Għanjietna |
| 03.00am | Rużarju ta' San Ġużepp |
| 03.30am | Tagħrif fuq il-programmi |
| 03.45am | Rużarju tal-Erwieħ |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Il-Ħames Vanġelu |
| 05.00am | Fl-iskola ta' San Piju ta' Pietralċina |
| 06.00am | Mur Sewwi l-Knisja Tiegħi |
| 06.30am | **Għollieq li jaqbad** |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Angelus u Kuntatt sal-11am (jinkludi |
| | Mill-Vanġelu tal-Ġurnata fid-9.00am) |
| 11.00am | Tifkiriet ta' Nostalġija |
| 12.00pm | Angelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju ta' San Ġużepp (rpt.) |
| 01.00pm | Qari mill-Iskrittura Mqaddsa |
| 01.30pm | Shalom (sat-3.00pm) |
| 03.00pm | Kurunella Ħniena Divina |
| 03.30pm | **Nisa fit-Testment il-Ġdid** |
| 04.00pm | **Minn Kull Aspett** |
| 05.00pm | Aħbarijiet mid-Dinja Kattolika |
| 05.15pm | Vjaġġ Mużikali |
| 06.15pm | Għasar |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Angelus u Rużarju |
| 07.30pm | Aħbarijiet minn Radio Vaticana |
| 08.00pm | Vexillum |
| 08.30pm | Solidarjetà ma' Ħutna ppersegwitati |
| 09.00pm | Għajn ta' Ġid |
| 10.00pm | Sejjaħli u jien inwieġbek |
| 11.00pm | Il-Vanġelu tal-Ġurnata (rpt.) |
| 11.30pm | Aħbarijiet mid-Dinja Kattolika (rpt.) |
| 11.50pm | Kompjeta |

## IL-ĦAMIS

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | Is-Sbuħija tal-Familja Nisranija |
| 01.30am | Klassiċi u Sagri |
| 02.30am | Shalom (l-ewwel siegħa) |
| 03.30am | Tagħrif fuq il-programmi |
| 03.45am | Rużarju tal-Erwieħ |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | **Għejjun ta' ilma** |
| | **ġieri u frisk** |
| 05.00am | Magazine |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Angelus u Kuntatt sal-11am |
| | (jinkludi Mill-Vanġelu tal-Ġurnata |
| | fid-9.00am) |
| 11.00am | Kunu xhieda tiegħi |
| 12.00pm | Angelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ |
| 01.00pm | Mużika Country b'Ispirazzjoni |
| 02.00pm | **Kienu bnedmin bħalna** |
| 02.30pm | **Ħdejn Fatima Dehret** |
| 03.00pm | Kurunella Ħniena Divina |
| 03.30pm | Hekk tħabbat il-Qalb Maltija |
| 04.00pm | Mid-Djarju tal-Papa |
| 05.00pm | Aħbarijiet mid-Dinja |
| | Kattolika |
| 05.15pm | Vjaġġ Mużikali |
| 06.15pm | Għasar |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Angelus u Rużarju |
| 07.30pm | Aħbarijiet minn Radio Vaticana |
| 08.00pm | **Spark** |
| 08.30pm | Familja kun dak li int |
| 09.00pm | O Alla Trinità li nadura |
| 10.00pm | **Etika, Fidi u Ħajja (rpt.)** |
| 11.00pm | Il-Vanġelu tal-Ġurnata (rpt.) |
| 11.30pm | Aħbarijiet mid-Dinja |
| | Kattolika (rpt.) |
| 11.50pm | Kompjeta |

## IL-ĠIMGĦA

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | Tifkiriet ta' Nostalġija |
| 01.30am | Jien Ħu l-Ħobż tal-Ħajja |
| 02.30am | Nisa fit-Testment il-Ġdid |
| 03.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30am | Tagħrif fuq il-programmi |
| 03.45am | Rużarju tal-Erwieħ |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Qari Reliġjuż |
| 05.00am | Ara Ommok |
| 06.00am | **Minn kull Aspett** |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Angelus u Kuntatt sal-11am (jinkludi |
| | Mill-Vanġelu tal-Ġurnata fid-9.00am) |
| 11.00am | Vanġelu Ħaj |
| 12.00pm | Angelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju tad-Duluri |
| 01.00pm | Qari tar-Rumanz |
| 01.30pm | Shalom (sat-3.00pm) |
| 03.00pm | Kurunella Ħniena Divina |
| 03.30pm | Il-Ħames Vanġelu |
| 04.00pm | **Aħsad dak li tiżra'** |
| 05.00pm | Aħbarijiet mid-Dinja Kattolika |
| 05.15pm | Vjaġġ Mużikali |
| 06.15pm | Għasar |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Angelus u Rużarju |
| 07.30pm | Aħbarijiet minn Radio Vaticana |
| 08.00pm | Biex il-Ferħ tagħkom ikun sħiħ |
| 08.15pm | **Mitt Sena minn Fatima (rpt.)** |
| 08.30pm | Qari tar-Rumanz (rpt.) |
| 09.00pm | Vuċi Missjunarja |
| 10.00pm | Serħan il-Qalb |
| 11.00pm | Il-Vanġelu tal-Ġurnata (rpt.) |
| 11.30pm | Aħbarijiet mid-Dinja Kattolika (rpt.) |
| 11.50pm | Kompjeta |

## IS-SIBT

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | Għajn ta' Ġid |
| 01.30am | O Alla Trinità li nadura |
| 02.30am | Shalom (l-ewwel siegħa) |
| 03.30am | Tagħrif fuq il-programmi |
| 03.45am | Rużarju tal-Erwieħ |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Qari mill-Iskrittura Mqaddsa |
| 05.00am | Għonja Bi Lsienna |
| 06.00am | **Ħdejn Fatima Dehret** |
| 06.30am | **Spark** |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Angelus u Kuntatt |
| | (sal-10.00am) |
| 10.00am | Is-Sbuħija tal-Familja |
| | Nisranija |
| 11.00am | **Etika, Fidi u Ħajja** |
| 12.00pm | Angelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ |
| 01.00pm | Magazine |
| 03.00pm | Kurunella Ħniena Divina |
| 03.30pm | Bħal ħobż maqsum |
| 04.00pm | L-Arka ta' Noè |
| 05.00pm | Kuntatt (sat-8.00pm) |
| 05.30pm | Aħbarijiet mid-Dinja Kattolika |
| 05.50pm | Għasar |
| 06.00pm | Angelus u Rużarju |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Kuntatt (ikompli) |
| 08.00pm | Vangelu Ħaj (rpt.) |
| 09.00pm | Għannu lill-ismu |
| 10.00pm | Hekk tħabbat il-Qalb Maltija (rpt.) |
| 10.30pm | Għanjietna (rpt.) |
| 11.00pm | Mur sewwi l-Knisja Tiegħi (rpt.) |
| 11.30pm | Aħbarijiet mid-Dinja Kattolika (rpt.) |
| 11.50pm | Kompjeta |

**Notamenti:**

1. Il-programmi bejn nofsillejl u s-7.00am huma kollha ripetizzjonijiet.
2. Dawk b'kulur differenti huma jew programmi ġodda jew inkella inbidlilhom il-ġurnata u l-ħin mill-aħħar skeda.
3. Rpt. tfisser ripetizzjoni.

## SKEDA PROGRAMMI TAX-XITWA



# IL-ĦADD

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | Mużika Country b'Ispirazzjoni |
| 01.30am | Tiżwiqa Mużikali |
| 02.30am | Inti f'Salib it-Toroq? |
| 03.30am | Biex il-Ferħ tagħkom ikun sħiħ |
| 03.45am | Rużarju tal-Erwieħ |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Solidarjetà ma' Ħutna ppersegwitati |
| 05.00am | **Serħan il-Qalb** |
| 06.00am | Vanġelu Ħaj |
| 07.00am | Quddiesa |
| 08.00am | Angelus u Kuntatt (li jinkludi wkoll il-quddiesa mis-Santwarju Nazzjonali Madonna ta' Pinu (10.00am) |
| 12.00pm | Angelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ |
| 01.00pm | **Naturali** |
| 01.30pm | **Għanjietna (rpt.)** |
| 02.00pm | Il-Ħadd Kumpanija |
| 03.00pm | Kurunella Ħniena Divina |
| 03.30pm | Il-Ħadd Kumpanija (ikompli...) |
| 05.00pm | Kuntatt (sat-8.00pm) |
| 05.30pm | Aħbarijiet mid-Dinja Kattolika |
| 05.50pm | Għasar |
| 06.00pm | Angelus u Rużarju |
| 06.30pm | Kuntatt (ikompli) |
| 08.00pm | Klassiċi u Sagri |
| 09.00pm | Magazine (rpt.) |
| 11.00pm | **Għollieq Jaqbad (rpt.)** |
| 11.30pm | Aħbarijiet mid-Dinja Kattolika (rpt.) |
| 11.50pm | Kompjeta |

# Radju Marija Informa

## Infakkru fl-Appuntamenti Fissi fuq Radju Marija għall-iskeda tax-Xitwa 2017

**QUDDIESA:**
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** fis-7.30am u fis-6.30pm.
**Nhar ta' Ħadd:** fis-7.00am mill-Knisja ta' San Duminku r-Rabat u fl-10.00am mis-Santwarju Nazzjonali Madonna ta' Pinu fl-Għarb, Għawdex.

**RUŻARJI:**
**Ir-Rużarju Mqaddes:** fl-4.00am; fis-7.00am; f'Nofsinhar; fis-6.00pm (is-Sibt u l-Ħadd) u fis-7.00pm (mit-Tnejn sal-Ġimgħa) u f'Nofsillejl
**Ir-Rużarju tad-Duluri:** Kull nhar ta' Ġimgħa fin-12.30pm
**Ir-Rużarju ta' San Ġużepp:** Kull nhar ta' Erbgħa fit-3.00am u fin-12.30pm
**Ir-Rużarju tal-Erwieħ:** kuljum fl-3.45am u fin-12.30pm (minbarra nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa)

**L-ANGELUS:**
Kuljum fit-8.00am; f'nofsinhar u fis-6.00pm (qabel ir-Rużarju is-Sibt u l-Ħadd) u fis-7.00pm (qabel ir-rużarju mit-Tnejn sal-Ġimgħa)

**KURUNELLA TAL-ĦNIENA DIVINA:**
Kuljum fit-3.00pm u nhar ta' Ġimgħa fit-3.00am.

**LITURGIJA TAS-SIGĦAT:**
**Kuljum kif ġej:**
**Tifħir ta' sbieħ il-jum:** fit-8.15am
**Għasar:** fis-6.15pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa u fis-5.50pm nhar ta' Sibt u Ħadd
**Kompjeta għall-Miżżewġin:** f'11.20pm
**Talb ta' Egħluq il-Jum:** f'11.50pm

**BULETTIN TAL-AĦBARIJIET MID-DINJA KATTOLIKA:**
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa fil-5.00pm b'ripetizzjoni fil-11.30pm
Is-Sibt u l-Ħadd fil-5.30pm b'ripetizzjoni fil-11.30pm

**L-AĦĦAR AĦBARIJIET MINN RADJU VATIKAN bl-Ingliż:**
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa fis-7.30pm

• Ikomplu minn paġna 4

## Ħdejn Fatima dehret

**Preżentazzjoni ta' Dun Antoine Borg. Jixxandar l-ewwel darba nhar ta' Ħamis fis-2.30pm u jkun imtenni s-Sibt fis-6.00am**

Dan il-programm se jkun fuq il-ħajja ta' Swor Luċija u l-kitbiet tagħha kif ukoll dwar iż-żjajjar u d-diskorsi li saru mill-Papiet li marru f'dan is-santwarju tal-Portugall. Fl-aħħar tingħata ħarsa lejn dak li nsibu ġewwa Fatima illum. Il-programm jagħlaq bit-talb u ħsibijiet oħra fuq il-Qalb Immakulata ta' Marija u dak li ħareġ permezz tad-devozzjoni lejn il-Madonna li dehret lit-tlett itfal.

## Minn kull aspett

**Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Clifford Galea Vella. Jixxandar *live* l-Erbgħa fl-4.00pm u jkun imtenni l-Ġimgħa fis-6.00am**

Programm dwar diversi aspetti tal-ħajja; il-ħajja tal-lum vis-a-vis il-valuri tagħna. It-tfulija għadha l-istess? U xi ngħidu għaż-żgħożija? Nammettu li sirna ngħixu ħajja-ġirja għal min hu l-aktar materjalista? Jew ninħbew wara t-tort tal-progress biex inlaħħqu mad-dinja mgħaġġla? Dan kollu jwassal għal vojt kbir intern u problemi bħal droga, u żvog f'diversi stili ta' ħajja li ma jagħmlu xejn ġid lill-bniedem u li jxejnu l-valuri tas-soċjetà. Ma jfissirx li kulħadd huwa hekk imma din hija r-realtà. Ix-xitan qed jagħmel xogħolu, nemmnuh dan? U x'inhi r-realtà tal-vokazzjonijiet fid-dinja moderna?

## Spark

**Preżentazzjoni ta' Sr. Michaela Paris, Soru Ursolina. Jixxandar l-ewwel darba l-Ħamis fit-8.00pm u jkun imtenni s-Sibt fis-6.30am**

Programm ta' mużika, esperjenzi u messaġġi li jħalluna nirriflettu fuq il-qagħda spiritwali tal-ħajja tagħna. Kif nista' nagħmel esperjenza ta' Alla f'ħajti llum? X'nista' nagħmel biex ninbidel u għaliex? Kif nista' naċċetta r-rieda t'Alla għalija bil-ferħ u r-rassenjazzjoni spiritwali? Jien irrid dak li jrid Alla għalija? Staqsi lilek nnifsek dawn il-mistoqsijiet u t-tweġibiet juruk f'liema qagħda spiritwali tinsab ħajtek. "Spark", se jgħinna nifhmu aħjar xi tfisser tkun nisrani u tixgħel ġo qalbek il-fjamma ta' mħabba għal Ġesù u għall-oħrajn. Nitgħallmu u nikbru permezz ta' esperjenzi veri u konkreti li għaddew minnhom nies bħalma u ħallew impatt kbir f'ħajjithom. Esperjenza ta' mużika b'messaġġ, talb, u tagħlim li tolqot persuni ta' kull età u mixja fil-ħajja.

## Stejjer Mużikali

**Preżentazzjoni ta' Anna Maria Mallia. Jixxandar l-ewwel darba t-Tlieta fit-3.30pm u jkun imtenni t-Tnejn fin-12.30am**

F'dan il-programm ser nagħtu ħarsa lejn leġġendi, ħrejjef u stejjer oħra ġew interpretati fil-films u nisimgħu uħud mill-isbaħ siltiet mużikali minnhom.

## JIRRITORNA L-PROGRAMM...

## Kienu bnedmin bħalna

Programm li jitratta mill-viċin il-kariżmi ta' diversi qaddisin li jistgħu ikunu magħrufa jew inkella forsi anqas popolari. Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Frederick Scerri. Jixxandar l-ewwel darba l-Ħamis fis-2.00pm u jkun imtenni t-Tlieta fin-12.30am.



## Seminar t'Aġġornament għall-Producers/Tekniċi ta' Radju Marija

# TEAMWORK U ASSERTIVITÀ - is-Sinsla ta' Radju Marija



Waqt wieħed mill-Workshops li ġie organizzat



Mument mit-taħdita ta' Fr Carl-Mario Sultana

Għadd ġmielu ta' volontiera li jtellgħu programmi fuq Radju Marija ltaqgħu f'Seminar t'Aġġornament is-Sibt 5 ta' Novembru filgħodu f'St Joseph Retreat House ir-Rabat. Is-seminar beda bit-talba tal-Konsagrazzjoni ta' Radju Marija u wara messaġġ mill-President tal-Assoċjazzjoni Radju Marija u mill-koordinatur tal-programmi.

Imbagħad is-seminar daħal fil-qofol tiegħu b'taħdita minn Dun Carl Mario Sultana, Djoċesan dwar it-tema: **Teamwork u Assertività - is-sinsla ta' Radju Marija**. Huwa tkellem dwar kif min jipproduċi u jippreżenta programm jista' jaħdem f'tim u jkun assertiv waqt ix-xandiriet tar-Radju. Kien hemm ukoll ħin biex il-parteċipanti jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u biex jiddiskutu temi marbuta mas-suġġett tas-seminar.

Matul is-seminar il-promotriċi ta' Radju Marija Sarah Barbara ippreżentat *powerpoint* fir-rigward is-servizzi li toffri l-*websajt* innovattiva tal-istazzjon kif ukoll il-proġett tal-post il-ġdid.

Is-seminar intemm bis-sagrifiċċju tal-quddiesa ċċelebrat minn Fr Philip Cutajar, Franġiskan Kapuċċin.



Parti mill-Udjenza għas-Seminar



Il-Promotriċi Sarah Barbara waqt il-Preżentazzjoni tal-Websajt

# Servizzi offruti minn Radju Marija



### Avviżi ta' Mwiet u Tifkiriet ta' Anniversarji fuq Radju Marija

Dawn jixxandru mit-Tnejn sal-Ġimgħa fit-8.00am u fil-11.55am, nhar ta' Sibt fit-8.00am **BISS** u l-Ħadd fit-8.00am u fil-11.50am. Għal aktar informazzjoni inkluż fuq ħlas involut wieħed għandu iċempel fil-ħinijiet tal-Uffiċċju fuq 21453105 u jsaqsi għal Michael Amato jew għal Moira Bugeja. Importanti li l-avviżi jridu jkunu dettaljati għall-aħħar u idealment ittajpjati fuq karta A4, jridu jiġu preżentati fir-*Reception ta'* Radju Marija kif ġej: Mit-Tnejn sal-Ħadd bejn id-9.00am u t-8.00pm. Min jippreżenta l-avviż irid wkoll il-karta tal-identità tiegħu. **Ma' jistgħux jiġu aċċettati avviżi permezz tat-telefon jew saħansitra sms.**

### Avviżi Komunitarji imxandra kuljum waqt il-programm Kuntatt

Radju Marija jistieden lil dawk il-parroċċi u l-għaqdiet li jixtiequ jxandru l-attivitajiet tagħhom li jkunu se jorganizzaw fuq Radju Marija biex jibgħatuhom sa mhux aktar tard minn ġimgħa qabel ma tkun ser isseħħ l-attività. Dawn għandhom jintbagħtu idealment b'email fuq **info.mal@radiomaria.org**.

L-attivitajiet avżati għandhom ikunu ta' natura reliġjuża jew ta' formazzjoni Nisranija bħal seminars jew taħdidiet **u ma jistgħux jinkludu attivitajiet ta' fundraising fosthom bazaars.** Hi fid-diskrezzjoni tad-direzzjoni ta' Radju Marija kemm-il darba jixxandar l-avviż. L-Avviżi Komunitarji jixxandru kuljum waqt il-programm Kuntatt bejn id-9.30am u l-10.00am ħlief għal nhar ta' Ħadd meta jixxandru fil-11.15am. L-Avviżi Komunitarji jsiru mingħajr ħlas, bħala servizz li Radju Marija toffri lill-Knisja f'Malta u Għawdex u lil dawk l-Għaqdiet jew Movimenti li qed jaħdmu fi ħdan il-Knisja u li huma approvati mill-awtoritajiet tal-Knisja f'Malta u Għawdex. **Ma jistgħux jiġu aċċettati avviżi bit-telefon jew b'SMS.**

### Servizz ta' *Bookshop* fir-*Reception Area* kif ukoll booking ta' programmi li jkunu xxandru

Tista' takkwista kotba jew oġġetti ta' natura reliġjuża mill-*Bookshop* ta' Radju Marija fir-Rabat kuljum mit-Tnejn sal-Ħadd bejn id-9.00am u t-8.00pm. Għal aktar informazzjoni wieħed jista' jċempel l-Uffiċċju ta' Radju Marija fuq 2145 3105 fil-ħinijiet tal-Uffiċċju u jsaqsi għal Michael Amato jew għal Moira Bugeja. Wieħed jista' jikseb ukoll informazzjoni kif jista' jakkwista kopja ta' programmi jew inkella xandiriet li jkunu seħħew barra mill-istudios. **Meta wieħed iċempel f'dan ir-rigward irid jipprovdi d-data u l-ġurnata meta jkun ixxandar il-programm jew inkella meta tkun saret ix-xandira mitluba.**



### Meħtieġa voluntiera għat-tqassim tal-Fuljetti




Dawk is-semmiegħa kollha li jixtiequ jqassmu l-fuljett ta' Radju Marija f'xi lokalità madwar Malta u Għawdex jew inkella iqassmu diġa' u għandhom diffikultà, għandhom jikkuntattjaw minnufih lil Promotriċi Sarah Barbara fuq **2145 3375** fil-ħinijiet tal-Uffiċċju. Jistgħu jikkuntattjawha dawk li jixtiequ jibdew jirċevuh jew inkella li jirċievu aktar minn fuljett wieħed. Wieħed jista' jibgħat ukoll e-mail fuq **promotion.mal@radiomaria.org** ***Wieħed jista' isegwi l-aħħar informazzjoni kull nhar ta' Ħamis fid-9.20am fuq Radju Marija waqt intervent li tagħmel Sarah waqt il-programm Kuntatt.***

Find us on Facebook

### Idħol fil-Paġna ta' *Facebook* ta' Radju Marija, agħfas *like* u ħalli l-kumment tiegħek



### Randan 2017

Radju Marija bħal snin preċedenti jkun qed iħejji skeda speċjali ta' programmi u xandiriet tul ir-Randan Imqaddes 2017 li jibda' permezz tal-Erbgħa tal-Irmied nhar l-1 ta' Marzu u jilħaq il-qofol tiegħu permezz tal-Festa tal-Qawmien mill-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu l-Ħadd 16 ta' April. Radju Marija se jwasslilkom ukoll 5 korsijiet oħra ta' Eżerċizzi Spiritwali. Però aktar tagħrif fuq dan kollu jkun pubblikat fil-ħarġa speċjali tal-fuljett tar-Randan li joħroġ għal nofs Frar li ġej.

# Radju Marija... leħen Nisrani fid-dar tiegħek







## MEZZI KIF TISTA' TGĦIN SABIEX RADJU MARIJA JKUN JISTA' JIBQA' JOFFRI S-SERVIZZI TIEGĦU:

- Billi tagħti donazzjoni jew fir-*Reception* ta' Radju Marija fir-Rabat Malta jew fl-Uffiċċju ta' Radju Marija f'Għawdex (ara indirizzi postali hawn isfel) jew fil-*Catholic Bookshop* fir-Pjazza ta' Raħal Ġdid, l-Istitut Kattoliku l-Furjana, Simiana Stationery tas-Sliema kif ukoll fil-Preca Library, Blata l-Bajda.
- Tibgħat ĊEKK jew MONEY ORDER bil-posta f'euros pagabbli lil **RADJU MARIJA** f'wieħed mill-indirizzi indikati hawn isfel.
- Tiddepożita d-donazzjoni tiegħek f'wieħed mill-kontijiet li Radju Marija għandu fil-Banek indikati:

**ASSOĊJAZZJONI RADJU MARIJA**
**APS, HSBC u BOV**
**Ara li tingħata riċevuta mill-Bank għal kull donazzjoni.**

| | | |
|---|---|---|
| APS | IBAN: | MT31 APSB 7705 7006 0638 2000 0834 148 |
| | A/C | ACCOUNT NO: 20000834 14-8 |
| HSBC | IBAN: | MT05MMEB44587 000000058030875050 |
| | A/C | ACCOUNT NO: 058-030875-050 |
| BOV | IBAN: | MT09VALL2201 30000000 14609142012 |
| | A/C | ACCOUNT NO: 14609142012 |

**Permezz ta' sms vojt**

Agħti donazzjoni ta' 4.66 Euro billi tibgħat sms vojt fuq in-numru **50618063** jew inkella tibgħat sms fuq **50619278** għal donazzjoni ta' 11.65 Euros.



**Kuntatt ma' Radju Marija**
**Indirizz postali:** Radju Marija, PO Box 19, Rabat RBT1230
**Telefon Uffiċċju:** 21453105
**Telefon Studio:** 21453106
**SMS Studio:** 7979 1023
**Telefon Promozzjoni (Fuljetti):** 21453375
**Indirizz elettroniku Promozzjoni:** promotion.mal@radiomaria.org
**Indirizz Uffiċċju Għawdex:** 9, Triq il-Karità, Victoria
**Telefon Uffiċċju Għawdex:** 21560694
**Indirizz elettroniku:** info.mal@radiomaria.org
**Websajt:** www.radjumarija.org jew sibu fuq il-paġna ta' Radju Marija fil-FACEBOOK

RADJU MARIJA 102.3FM 107.8FM




# MARATONA ĠBIR TA' FONDI

## b'Riżq il-Proġett tad-Dar il-Ġdida

## MILL-ĠIMGĦA 3 SAL-ĦADD 5 TA' MARZU 2017

**DETTALJI AKTAR 'IL QUDDIEM**